**Laqgha Numru 05/K6/2010 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Il-Hames Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat kienu skuzati minhabba li jinsabu msiefra fuq btala privata.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-25 ta' Frar 2010. L-Agenda kienet:

**01. Il-kwotazzjoni ghal servizz ta' gbir ta' skart b'emergenza.**

## 01. Il-kwotazzjoni ghal servizz ta' gbir ta' skart b'emergenza.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza għall-parir moghti kemm mill-Avukat tal-Kunsill l-Avv. Luciano Busuttil fil-laqgha li saret mieghu nhar it-Tlieta 23 ta' Frar kif ukoll permezz tat-telefon minghand is-sur Natalino Attard id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (fil-prezenza tieghu, tal-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat u tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg) fejn qal li t-tnejn li huma qalu li l-Kunsill jista' jaggudika l-kwotazzjoni suggett ghar-rizultat tal-mandat ta' inibizzjoni li sar mill-Kumpanija Northern Cleaning Group Limted. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

1.02. Il-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat issekondaw.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.04. Il-laqgha giet sospiza fil-5.35pm.***

***1.05. Il-laqgħa tkompliet fil-5.40pm.***

1.06. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien irrakkomanda li l-**kwotazzjoni 02/2010 – Servizz gbir ta' skart b'emergenza** ghandha tinghata lill-kumpanija **Euro Clean Waste Services** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza kif ukoll abbazi li skond il-parir legali bbaza l-gudizzju tieghu fuq l-affarijiet li ntalbu u mhux fuq rimarki li kien hemm mizjuda fuq il-kwotazzjonijiet. Il-kelliem ippropona li s-servizz ghandu jkun ghall-perjodu ta' xahrejn minn meta jibda jiffunzjona sakemm il-Kunsill jaghmel il-process ta' tender gdid kif ukoll jekk u kemm il-darba l-mandat ta' inibizzjoni li sar mill-kumpanija Northern Cleaning Group Limited ma jigix milqugh mill-Qorti ta' Malta.

1.07. Il-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat issekondaw.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li jaghmel stqarrija.

1.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

1.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li fid-dawl ta' l-allegazzjonijiet serji, infondati u defomatorji li qed isiru mis-sur Joe Attard f'isem il-GRTU u skond huwa abbazi ta' kummenti li rcieva minghand rapprezentant tal-Kumpanija Northern Cleaning Group Limited, biex niddefendi l-integrita' u reputazzjoni tieghi qed nitlob l-appogg u l-fiducja tal-Kunsill f'din il-kwistjoni kollha kif ukoll jekk ikun hemm il-bzonn u l-kaz li jittiehdu dawk il-passi legali kollha necessarja.

1.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinghata l-fiducja u l-appogg mehtieg mill-Kunsill.

1.15. Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava ssekondaw.

1.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.17. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.45pm wara li fakkar lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***